KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 6 ta' Frar 2012 (16.02)
(OR. en)

6169/12

PUBLIC 1

**NOTA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL DIĊEMBRU 2011 |

Dan id-dokument jikkonsisti minn dan li ġej:

– ANNESS I li fih lista ta' atti adottati mill-Kunsill f'Diċembru 2011[1] [2].

– L-ANNESS II li fih aktar dettalji dwar l-adozzjoni ta' dawn l-atti. Il-PARTI I tipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, bħad-data tal-adozzjoni, is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill, in-numru tad-dokument adottat, u fejn adatt, ir-regoli applikabbli tal-votazzjoni, ir-riżultati tal-votazzjoni, spjegazzjonijiet dwar il-votazzjoni u dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill. Il-PARTI II tipprovdi informazzjoni li l-Kunsill ikun iddeċieda li jagħmel pubblika dwar l-adozzjoni ta' atti oħrajn.

[1] Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

[2] Fil-każ tal-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill fejn jiġi adottat l-att leġislattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu li jkunu ġew adottati biss wara l-iffirmar kemm mill-President tal-Kunsill u l-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll permezz tal-Internet http://consilium.europa.eu/) ara taħt "Dokumenti", "Trasparenza Leġislattiva", "Sommarju ta' Kull Xahar tal-Atti tal-Kunsill". Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill ( Aċċess għad-dokumenti tal-Kunsill: Reġistru Pubbliku ).

Għandu jiġi nnotat li huma biss il-minuti dwar l-adozzjoni definittiva ta' atti leġislattivi li huma awtentiċi (disponibbli permezz tal-Internet: http://consilium.europa.eu/, ara taħt "Dokumenti", "Trasparenza Leġislattiva", "Minuti tal-Kunsill").

______________

## LISTA TA' ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'DIĊEMBRU 2011

**It-3130 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET BARRANIN), li saret fi Brussell fl-1 ta' Diċembru 2011**

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sirja
17965/11

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Jemen
17963/11

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Eġittu
17966/11

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rispons tal-Unjoni Ewropea għall-iżviluppi fil-Viċinat tan-Nofsinhar

17967/11

**It-3131 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI, SAĦĦA u AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR), li saret fi Brussell fil-1 u t-2 ta' Diċembru 2011**

Regolament (UE) Nru 1337/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 13 ta’ Diċembru 2011 rigward l-istatistika Ewropea dwar għelejjel permanenti u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 357/79 u d-Direttiva 2001/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Test b’relevanza għaż-ŻEE

ĠU L 347, 30.12.2011, p. 7-20

2011/831/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 2011 dwar l-arranġamenti prattiċi u proċedurali għall-ħatra mill-Kunsill ta' erba' membri tal-bord Ewropew għall-azzjoni tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew
ĠU L 330, 14.12.2011, p. 23-24

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 6/2011 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri rigward l-effikaċja ta' proġetti dwar it-turiżmu kofinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali
16947/11

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Segwitu tal-ewwel Semestru Ewropew u s-sorveljanza tematika fil-politika soċjali u l-politika dwar l-impjiegi
17423/11 + COR 1

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tixjiħ bħala opportunità għas-suq tax-xogħol u għall-iżvilupp ta' servizzi soċjali u attivitajiet komunitarji
16474/11 + REV 1 (lv, hu) + ADD 1

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Reviżjoni tal-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Bejġing

- In-Nisa u l-Ekonomija: Ir-rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja bħala prekondizzjoni għal parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol;

17420/11 + Rev 1 (fr)

Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2011 dwar il-prevenzjoni, id-djanjosi bikrija u t-trattament ta' mard respiratorju kroniku fit-tfal

ĠU C 361, 10.12.2011, p. 11-13

Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2011 dwar l-identifikazzjoni bikrija u t-trattament ta' problemi ta' komunikazzjoni fit-tfal, inkluż l-użu ta' għodod tas-Saħħa elettronika u soluzzjonijiet innovattivi
ĠU C 361, 10.12.2011, p. 9-10

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-għeluq ta' lakuni fis-saħħa fl-UE permezz ta' azzjoni miftiehma li tippromwovi mġiba għal stil ta' ħajja san

ĠU C 359, 9.12.2011, p. 5-8

**It-3133 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (KOMPETITTIVITÀ (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju) li saret fi Brussell fil-5 u s-6 ta' Diċembru 2011**

Direttiva tal-Kunsill 2011/97/UE tal-5 ta' Diċembru 2011 li temenda d-Direttiva 1999/31/KE fir-rigward ta' kriterji speċifiċi għall-ħżin ta' merkurju metalliku meqjus bħala skart

ĠU L 328, 10.12.2011, p. 49-52

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-inizjattiva ewlenija dwar il-politika industrijali - it-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-politika industrijali fl-UE
17851/11

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt

16976/11

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-riżultati tal-Forum dwar is-Suq Uniku
16978/11

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni doganali mal-pajjiżi ġirien tal-Lvant
16881/11 + REV 1 (it,el,es,fi,sv,et,lt,sk,sl,bg,ro) + REV 2 (sv,hu)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tnedija tal-inizjattivi għall-ipprogrammar konġunt rigward 'Ibħra u Oċeani b'Saħħithom u Produttivi', 'Ewropa Urbana – Sfidi Globali Urbani, Soluzzjonijiet Ewropej Konġunti', 'Kollegament tal-Għarfien dwar il-Klima għall-Ewropa', 'Sfidi tal-Ilma għal Dinja li qed Tinbidel' u 'L-isfida Mikrobika - Theddida għas-Saħħa tal-Bniedem li qed Titfaċċa'
17424/11

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni
17427/11 Adozzjoni ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill

Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2011 "Orjentazzjonijiet dwar il-valur miżjud u l-benefiċċji tal-ispazju għas-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej"

ĠU C 377, 23.12.2011, p. 1-4

**It-3134 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI u ENERĠIJA), li saret fi Brussell fit-12 u t-13 ta' Diċembru 2011**

Regolament (KE) Nru 70/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2012 dwar prospetti tal-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq Test b'rilevanza għaż-ŻEE

ĠU L 32, 3.2.2012, p. 1-18

Regolament (UE) Nru 1342/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1931/2006 rigward l-inklużjoni taż-żona ta' Kaliningrad u ta' ċerti distretti amministrattivi Pollakki fiż-żona eliġibbli tal-fruntiera

ĠU L 347, 30.12.2011, p. 41-43

Regolament (UE) Nru 1310/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 fir-rigward tal-għajnuna li trid titħallas lura, l-inġinerija finanzjarja u ċerti dispożizzjonijiet marbutin mar-rendikont tal-infiq

ĠU L 337, 20.12.2011, p. 1-4

Regolament (UE) Nru 1311/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 dwar ċerti dispożizzjonijiet marbuta mal-ġestjoni finanzjarja għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet serji fejn tidħol l-istabilità finanzjarja tagħhom

ĠU L 337, 20.12.2011, p. 5-8

Pożizzjoni tal-Kunsill wara l-ewwel qari bil-ħsieb li tiġi adottata Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm pluriennali tal-politika tal-ispettru tar-radju
16226/1/11 REV 1

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-Internet miftuħ u n-newtralità tan-net fl-Ewropa"
17904/11

**It-3135 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA u AFFARIJIET INTERNI), li saret fi Brussell, fit-13 u l-14 ta' Diċembru 2011**

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u tal-iskambju ta' informazzjoni fil-qasam tal-ġlieda kontra l-iffalsifikar ta' muniti, speċjalment l-euro
14401/2/11 REV 2

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija fuq l-Internet - it-tisħiħ tal-effettività tal-attivitajiet tal-pulizija fl-Istati Membri u f'pajjiżi terzi
15783/3/11 REV 3

Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri dwar l-Aġenda Ewropea għall-Integrazzjoni ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi
18296/1/11 REV 1

2011/842/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Diċembru 2011 dwar l-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal- acquis ta’ Schengen fil-Prinċipat tal-Liechtenstein

ĠU L 334, 16.12.2011, p. 27-28

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar użu aħjar tas-SIS u s-SIRENE għall-iskambju ta' informazzjoni dwar ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu ġew miċħuda d-dħul
16951/11

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-mezzi adatti għat-tħejjija tal-utenti tas-SIS istituzzjonali tal-Istati Membri għal titjib fil-kwalità tad-data tas-SIS 1+ qabel il-migrazzjoni tagħha għas-SIS II
15550/1/11 REV 1

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sistemi tat-taħriġ nazzjonali u s-sistema tat-taħriġ komuni għall-operaturi SIRENE
15551/11

Konklużjonijiet tal-Kunsill rigward il-viżjoni għal Xjenza Forensika Ewropea 2020 li tinkludi l-ħolqien ta' Żona Ewropea tax-Xjenza Forensika u l-iżvilupp ta' infrastuttura għax-xjenza forensika fl-Ewropa
17537/11

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità fir-rigward ta' beni kulturali
17541/11

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Kooperazzjoni fil-Qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni fi ħdan is-Sħubija tal-Lvant
17596/11

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Ewropa tal-Lvant fil-qasam tad-drogi
17728/11

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar sustanzi psikoattivi ġodda
17730/11

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-intensifikazzjoni tal-implimentazzjoni tad-"Deċiżjonijiet ta' Prüm" wara l-iskadenza tas-26 ta' Awwissu 2011
17762/11

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-pulizija mal-pajjiżi mhux membri tal-UE fil-qasam tas-sikurezza u s-sigurtà ta' avvenimenti sportivi
17555/11 + COR 1 + COR 2

Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-futur tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-infurzar tal-liġi doganali

ĠU C 5, 7.1.2012, p. 1–3

2011/887/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data li tikkonċerna d-data dwar id-DNA fil-Litwanja
ĠU L 344, 28.12.2011, p. 36-37

2011/888/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dattiloskopika fil-Litwanja
ĠU L 344, 28.12.2011, p. 38-38

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) minn trasportaturi bl-ajru lis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri
9825/11 + COR 1 (fi)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar approċċ integrat għal komunikazzjoni aktar effettiva tar-riskji, tal-emerġenzi u tal-kriżijiet

17122/11 + COR 1 + COR 2 (fi) + COR 3 + REV 1 (pl) + REV 1 COR 1+ REV 2 (cs) + REV 2 COR 1 + REV 3 (de, mt, sl) + REV 3 COR 1 + REV 4 (ro) + REV 4 COR 1 + REV 5 (el)

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1295/2011 tal-13 ta' Diċembru 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1284/2009 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi fir-rigward tar-Repubblika tal-Ginea
ĠU L 330, 14.12.2011, p. 1-2

**It-3137 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA u SAJD), li saret fi Brussell fil-15 u s-16 ta' Diċembru 2011**

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2000/75/KE fir-rigward tat-tilqima kontra l-bluetongue
16696/1/11 REV 1 + ADD 1 REV 1

Regolament (UE) Nru 1312/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2011 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet relatati mal-ġestjoni finanzjarja għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew jinsabu mhedda minn diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom

ĠU L 339, 21.12.2011, p. 1-3

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 5/2011 mill-Qorti Ewropea tal-Awidturi intitolat "Skema ta' Pagament Uniku (SPS): kwistjonijiet li għandhom jiġu indirizzati biex titjieb il-ġestjoni finanzjarja soda tagħha"

17584/11

2012/19/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2011 dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tad-Dikjarazzjoni dwar l-għoti ta' opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-UE lil bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela fiż-żona ekonomika esklussiva 'l barra mill-kosta tal-Gujana Franċiża
ĠU L 6, 10.12.2012, p. 8-9

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1388/2011 tas-16 ta' Diċembru 2011 dwar l-iffissar, għas-sena tas-sajd 2012, tal-prezzijiet gwida u l-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd skont ir-Regolament (KE) Nru 104/2000
ĠU L 346, 30.12.2011, p. 1-5

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Kummerċjali Kontra l-Falsifikazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, l-Awstralja, il-Kanada, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, l-Istati Uniti tal-Messiku, ir-Renju tal-Marokk, New Zealand, ir-Repubblika ta' Singapor, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Istati Uniti tal-Amerika
12192/11 + REV 2 (sv)

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni fir-rigward tas-sostituzzjoni tal-Anness II għal dak il-Ftehim dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali
16232/11

**It-3139 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AMBJENT), li saret fi Brussell fid-19 ta' Diċembru 2011**

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1386/2011 tad- 19 ta' Diċembru 2011 li temporanjament jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti industrijali fil-Gżejjer Kanarji

ĠU L 345, 29.12.2011, p. 1-7

Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 895/2011/UE tad-19 ta' Diċembru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2002/546/KE fir-rigward tal-perijodu tal-applikazzjoni tagħha

ĠU L 345, 29.12.2011, p. 17-17

Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 896/2011/UE tad-19 ta' Diċembru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2007/659/KE f'dak li jirrigwarda l-perijodu ta' applikazzjoni tagħha u l-kwota annwali li tista' tibbenefika minn rata ta' sisa mnaqqsa

ĠU L 345, 29.12.2011, p. 18-19

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1359/2011 tad-19 ta' Diċembru 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 7/2010 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali
ĠU L 341, 22.12.2011, p. 11-17

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1344/2011 tad-19 ta' Diċembru 2011 li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti agrikoli, tas-sajd u industrijali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1255/96

ĠU L 349, 31.12.2011, p. 1-89

Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika
17318/11

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għal riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ (2012-2013)
17503/11

2011/900/UE: Deċizjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2011 li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill
ĠU L 346, 30.12.2011, p. 17-18

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi)
18398/11

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Politika Marittima Integrata
18279/11

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1389/2011 tad-19 ta' Diċembru 2011 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet tal-aċidu triklorojsoċjanuriku li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009
ĠU L 346, 30.12.2011, p. 6-16

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni ta' New Zealand f'operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għall-immaniġġar ta' kriżijiet
14790/11

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità sal-2020: lejn implimentazzjoni
18374/11

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'użu effiċjenti tar-riżorsi

18346/11

**Proċedura bil-miktub konkluża fid-19 ta' Diċembru 2011**

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 5/2012 tad-19 ta' Diċembru 2011 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2012 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar l-Iswed
ĠU L 3, 6.1.2012, p. 1-3

Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/857/PESK tad-19 ta' Diċembru 2011 li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah)

ĠU L 338, 21.12.2011, p. 52-53

Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/858/PESK tad-19 ta' Diċembru 2011 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2010/784/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL CO PPS)
ĠU L 338, 21.12.2011, p. 54-54

**Proċedura bil-miktub konkluża fl-20 ta' Diċembru 2011**

2012/15/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2011 li tirrevoka d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/491/UE dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk
ĠU L 6, 10.1.2012, p. 1-2

Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/867/PESK tal-20 ta' Diċembru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2011/137/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja
ĠU L 341, 22.12.2011, p. 56-56

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1360/2011 tal-20 ta' Diċembru 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 204/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja
ĠU L 341, 22.12.2011, p. 18-18

**Proċedura bil-miktub konkluża fit-22 ta' Diċembru 2011**

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1375/2011 tat-22 ta' Diċembru 2011 li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 687/2011
ĠU L 343, 23.12.2011, p. 10-13

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>DIĊEMBRU 2011 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **It-3131 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI, SAĦĦA U AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR), li saret fi Brussell fl-1 u t-2 ta' Diċembru 2011** | | | |
| Regolament (UE) Nru 1337/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 rigward l-istatistika Ewropea dwar għelejjel permanenti u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 357/79 u d-Direttiva 2001/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Test b'relevanza għaż-ŻEE | PE-CONS 54/2/11 REV 2 | maġġoranza kkwalifikata | l-Istati Membri kollha favur, ħlief: astensjoni: DE |
| **It-3134 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI u ENERĠIJA), li saret fi Brussell fit-12 u t-13 ta' Diċembru 2011** | | | |
| Regolament (KE) Nru 70/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2012 dwar prospetti tal-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq Test b'rilevanza għaż-ŻEE | PE-CONS 61/1/11 REV 1 | maġġoranza kkwalifikata | l-Istati Membri kollha favur |
| Regolament (UE) Nru 1342/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1931/2006 rigward l-inklużjoni taż-żona ta' Kaliningrad u ta' ċerti distretti amministrattivi Pollakki fiż-żona eliġibbli tal-fruntiera | PE-CONS 63/1/11 REV 1 | maġġoranza kkwalifikata | l-Istati Membri kollha favur, ħlief: astensjoni: SL |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DIĊEMBRU 2011 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |

**Dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u l-Kummissjoni**

Il-Kunsill u l-Kummissjoni b'dan jikkonfermaw li din l-emenda tar-Regolament (KE) Nru 1931/2006, tirrikonoxxi kemm is-sitwazzjoni ġeografika eċċezzjonali tal-Kaliningrad Oblast tal-Federazzjoni Russa kif ukoll l-ispeċifiċità taż-żona tal-fruntiera fuq in-naħa Pollakka kif elenkat fl-Anness għar-Regolament. Iż-żona tal-fruntiera fuq in-naħa Pollakka flimkien ma' dik fuq in-naħa Russa titqies bħala każ wieħed, uniku u partikolari. Din l-emenda ma tikkostitwix preċedent għall-futur.

Hija mingħajr preġudizzju għad-definizzjoni ġenerali taż-żona tal-fruntiera stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 1931/2006, u r-regoli u l-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak ir-Regolament ser jiġu rispettati bis-sħiħ.

Ser tingħata attenzjoni partikolari għall-miżuri ta' sigurtà marbuta mal-implimentazzjoni prattika tar-Regolament emendat fit-territorju tar-Repubblika tal-Polonja. L-awtoritajiet Pollakki rilevanti ser jiżguraw l-applikazzjoni tas-salvagwardji tas-sigurtà, f'konformità mal-istandards stabbiliti fir-Regolament. Il-Kummissjoni ser tippreżenta kull sentejn u għall-ewwel darba sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-funzjonament ta' din l-emenda u dwar il-ftehim bilaterali konkluż f'konformità miegħu, b'mod partikolari biex jiġi evalwat l-impatt tagħhom fil-qasam tas-sigurtà u l-migrazzjoni. Il-Kummissjoni ser tinforma lill-Kunsill fi kwalunkwe ħin dwar kwalunkwe konsegwenza jew avveniment ta' importanza li jiġu osservati fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

**Dikjarazzjoni mill-Polonja**

Il-Polonja tapprezza ħafna l-proposta biex jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 1931/2006 li jikkonċerna l-applikazzjoni tas-sistema tat-Traffiku Lokali tal-Fruntiera għaż-żona kollha ta' Kaliningrad u distretti amministrattivi magħżula fuq in-naħa Pollakka. Il-politika ta' "ebda preċedent" tibqa' l-aspett prinċipali tal-miżura proposta. Sabiex jiġi pprovdut livell għoli ta' sigurtà u trasparenza filwaqt li jiġi implimentat arranġament futur possibbli mal-Federazzjoni Russa hekk kif jiġi konkluż il-ftehim bilaterali rispettiv għal dan l-għan, il-Polonja b'dan tiddikjara li:

1. Ser twettaq kampnaji ta' informazzjoni kkoordinati sewwa, anke online, li huma mmirati lejn persuni benefiċjarji tas-sistema tat-traffiku lokali tal-fruntiera kif ukoll lejn awtoritajiet lokali f'powiats, uffiċjali tal-Pulizija Muniċipali, awtoritajiet tat-trasport u organizzazzjonijiet fil-qasam tat-turiżmu. Il-konsli ser iwettqu attivitajiet partikolari.
2. Ser twettaq monitoraġġ regolari tal-fluss ta' detenturi ta' permessi tat-traffiku lokali tal-fruntiera (TLF) permezz tas-sistema speċifika tal-IT li tintuża mill-Gwardji tal-Fruntieri. L-istatistika miġbura ser tingħata lill-Kummissjoni Ewropea għal raġunijiet ta' trasparenza sħiħa.

| TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV | TESTI ADOTTATI | REGOLA TAL-VOTAZZJONI | VOTI |
|---|---|---|---|

3. Ser tapplika skema ta' taħriġ speċjalizzat għall-korpi tal-infurzar tal-liġi inklużi l-Gwardji tal-Fruntieri, l-amministrazzjoni Doganali u l-uffiċjali tal-Pulizija li jkunu responsabbli għall-kontrolli tal-persuni. It-taħriġ speċjalizzat ikun organizzat ukoll għall-konsli Pollakki li jaħdmu fil-Belt ta' Kaliningrad.
4. Ser tuża l-analiżi msaħħaħ tar-riskju mill-Gwardji tal-Fruntieri u l-Pulizija rigward il-moviment tal-persuni fiż-żona akbar tat-TLF, kif ukoll ser tapplika, meta meħtieġ, ir-riżorsi addizzjonali bħal unitajiet mobbli tal-Gwardji tal-Fruntieri.

Il-Polonja ser timpenja ruħha, fejn adatt, fl-attivitajiet imsemmija hawn fuq b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Federazzjoni Russa kif ukoll mal-Istati Membri partikolarment interessati."

| TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV | TESTI ADOTTATI | REGOLA TAL-VOTAZZJONI | VOTI |
|---|---|---|---|
| Regolament (UE) Nru 1310/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 fir-rigward tal-għajnuna li trid titħallas lura, l-inġinerija finanzjarja u ċerti dispożizzjonijiet marbutin mar-rendikont tal-infiq | PE-CONS 65/1/11 REV 1 | maġġoranza kkwalifikata | l-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill**

Il-Kunsill jikkonferma li b'konsiderazzjoni għall-għan ta' sigurtà u ċarezza legali akbar fir-rigward tal-applikazzjoni ta' prassi eżistenti, l-emendi fir-rigward ta' għajnuna li trid titħallas lura għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' tali forom ta' għajnuna fil-perijodu ta' programmar li jmiss 2014-2020.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni (dwar il-kamp ta' applikazzjoni ta' definizzjoni ta' linja ta' kreditu)**

Il-proposta tal-Kummissjoni dwar l-emenda tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1083/2006 tintroduċi Taqsima 3a ġdida dwar għajnuna li trid titħallas lura, inklużi dispożizzjonijiet dwar forom ta' għajnuna li trid titħallas lura (l-Artikolu 43a) u l-użu mill-ġdid tagħha (l-Artikolu 43b).

Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni ta' għajnuna li trid titħallas lura, il-proposta tipprevedi żewġ forom distinti ta' għajnuna li trid titħallas lura: a) għotja rimborżabbli u b) linja ta' kreditu, iddefinita taħt l-Artikolu 2 bħala l-punti ġodda 8 u 9. Hija wkoll għamlitha ċara fil-proposta li dikjarazzjonijiet ta' nefqa li jirrigwardaw għajnuna li trid titħallas lura huma ppreżentati f'konformità mal-Artikolu 78(1) sa (5).

Il-Kummissjoni tixtieq tissottolinja li minħabba l-pożizzjoni speċifika tiegħu taħt taqsima separata, it-terminu "linja ta' kreditu", kif iddefinit fl-Artikolu 2(9), jista' jintuża biss f'rabta ma' għajnuna li trid titħallas lura.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>DIĊEMBRU 2011 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni (dwar riżultati tal-eżerċizzju ta' identifikazzjoni relatat ma' każijiet ta' għajnuna li trid titħallas lura)**

L-emenda tirrifletti r-riżultati ta' eżerċizzju ta' identifikazzjoni u tieħu kont ta' informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri. F'dan l-eżerċizzju ta' identifikazzjoni, il-Kummissjoni identifikat skemi jew operazzjonijiet li huma bbażati fuq għajnuna li trid titħallas lura ddefinita bħala għotjiet rimborżabbli jew linji ta' kreditu, iżda li ma għandhomx il-karatteristiċi ta' strumenti ta' inġinerija finanzjarja kif iddefiniti fl-Artikolu 44 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006. Din l-emenda għandha l-għan li tipprovdi sigurtà legali lill-Istati Membri li qed jimplimentaw tali tipi ta' skemi ta' operazzjonijiet.
Għal dawn it-tipi ta' skemi jew operazzjonijiet, id-dikjarazzjoni ta' nefqa tiġi ppreżentata f'konformità mar-regoli applikabbli għal għotjiet kif jinsabu fl-Artikolu 78(1) sa (5) tal-istess regolament.
Skont l-aħjar għarfien tal-Kummissjoni, id-dispożizzjonijiet il-ġodda jkopru l-operazzjonijiet kollha identifikati fl-eżerċizzju ta' identifikazzjoni li ma qajmu l-ebda dubju li jaqgħu taħt id-definizzjonijiet li issa huma stabbiliti fl-emenda.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni (dwar infiq f'waqtu minn strumenti ta' inġinerija finanzjarja)**

Fil-perijodu ta' programmazzjoni 2007-2013 ġew żviluppati forom ġodda ta' finanzjament għall-għajnuna, b'ċaqliq mill-finanzjament tradizzjonali fuq bażi ta' għotja għal forom ta' finanzjament b'rotazzjoni. Il-Kummissjoni Ewropea tirrikonoxxi l-importanza tal-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja bħala mezzi għall-użu aktar effettiv tal-Fondi Strutturali u bħala katalisti biex ir-riżorsi pubbliċi u privati jiksbu l-livelli ta' investiment meħtieġa biex tiġi implimentata l-Istrateġija Ewropa 2020.
Fl-istess waqt, il-Kummissjoni tieħu nota tal-fehma tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-ħtieġa li jiġi żgurat użu f'waqtu tar-riżorsi disponibbli permezz tal-fondi li nħolqu permezz tal-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja.
Il-proposta tal-Kummissjoni kellha l-għan li tintroduċi obbligu legali sabiex tiżgura li l-kontribuzzjoni finanzjarja mħallsa mill-awtoritajiet ta' ġestjoni biex jistabbilixxu jew jikkontribwixxu għal strumenti ta' inġinerija finanzjarja tintnefaq għal nefqa eliġibbli fi żmien perijodu ta' sentejn mid-data tad-dikjarazzjoni ċertifikata ta' nefqa li tkun tinkludi l-ħlas fil-fond.
Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-pożizzjoni tal-Istati Membri li d-dispożizzjoni ta' hawn fuq ma tkunx fil-leġislazzjoni attwali u tistenna b'interess id-dibatittu dwar l-infiq f'waqtu fil-qafas tan-negozjati dwar il-pakkett leġislattiv tal-politika ta' koeżjoni għall-perijodu 2014-2020.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DIĊEMBRU 2011 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |

**Dikjarazzjoni mis-Slovenja, ir-Repubblika Ċeka, il-Litwanja, l-Ungerija, is-Slovakkja, ir-Renju Unit u l-Latvja (dwar l-applikazzjoni ta' inġinerija finanzjarja għall-Fond ta' Koeżjoni)**

Is-Slovenja, ir-Repubblika Ċeka, il-Litwanja, l-Ungerija, is-Slovakkja, ir-Renju Unit u l-Latvja jikkondividu bis-sħiħ il-fehma li strumenti ta' inġinerija finanzjarja huma mezzi importanti għall-użu aktar effetiv tal-Fondi Strutturali u bħala katalisti biex ir-riżorsi pubbliċi u privati jiksbu l-livelli ta' investiment meħtieġa biex tiġi implimentata l-Istrateġija Ewropa 2020. Bl-użu tal-inġinerija finanzjarja aħna b'mod ċar nistgħu niksbu aktar riżultati bl-istess ammont ta' finanzjament pubbliku għall-politika ta' koeżjoni.

Peress li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni fil-perijodu 2007-2013 twessa' wkoll għal proġetti mhux ewlenin, inklużi dawk fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli, aħna ppproponejna li l-applikazzjoni tal-inġinerija finanzjarja tiġi estiża għall-Fond ta' Koeżjoni wkoll. Minkejja li l-proposta rċeviet appoġġ wiesa' mill-Istati Membri, hija ma ġietx inkluża fit-test tal-Proposta għal Regolament li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 fir-rigward tal-għajnuna li trid titħallas lura, l-inġinerija finanzjarja u ċerti dispożizzjonijiet marbuta mad-dikjarazzjoni ta' nefqa.

Aħna nqisu dan bħala opportunità mitlufa fir-rigward ta' kif jinkisbu l-fondi ta' politika ta' koeżjoni li huma diġà disponibbli fil-qafas finanzjarju attwali, li, b'konsegwenza, minħabba d-dispożizzjoni restrittiva tar-regolament ġenerali li qed jiġi diskuss, ser ikollhom jingħataw bħala għotjiet sempliċi biss.

Aħna nilqgħu l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tagħmel il-Fond ta' Koeżjoni eliġibbli għal inġinerija finanzjarja fil-perijodu 2014-2020. Għaldaqstant, hija sfortuna li ma stajniex nużaw il-perijodu attwali biex għallinqas nintroduċu skemi pilota, jekk meħtieġ f'għadd limitat ta' oqsma (eż. l-effiċjenza fl-enerġija u l-enerġija rinnovabbli), u b'hekk inħaffu l-bidu tal-implimentazzjoni wara l-2014.

**Dikjarazzjoni mill-Portugall, l-Ungerija u l-Latvja (dwar rimborżi taħt operazzjonijiet ta' għajnuna li trid titħallas lura)**

Il-Portugall, l-Ungerija u l-Latvja jqisu li sabiex jiġu żgurati aktar sigurtà u ċarezza legali fir-rigward tal-applikazzjoni ta' prattika eżistenti, l-ammonti rimborżati taħt operazzjonijiet ta' għajnuna li trid titħallas lura, f'konformità mal-Art. 43a-b ma għandhomx jitqiesu bħala tnaqqis jew irtirar skont it-tifsira tal-Artikolu 80 tar-Regolament Ġenerali.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>DIĊEMBRU 2011 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Dikjarazzjoni mill-Pajjiżi l-Baxxi (dwar l-użu ta' strumenti finanzjarji)**<br><br>Il-Pajjiżi l-Baxxi jenfasizzaw l-importanza tal-kwalità tal-leġislazzjoni u ċ-ċertezza legali. Filwaqt li qed isiru diskussjonijiet dwar il-forma mixtieqa u l-kriterji għall-użu tal-istrumenti finanzjarji, b'mod partikolari fil-qafas tar-Regolament Finanzjarju, din il-proposta partikolari ma għandhiex tagħti preċedenza lil xi deċiżjoni futura dwar l-użu ta' strumenti finanzjarji. Biss meta l-prekondizzjonijiet għall-użu ta' tali strumenti finanzjarji jkunu ġew stabbiliti b'mod adatt fil-leġislazzjoni wara l-proċeduri legali adatti, għandu jkun permess li jiġu stabbiliti strumenti finanzjarji. Dan iħeġġeġ dispożizzjonijiet aktar ċari dwar il-kondizzjonijiet li bihom strumenti finanzjarji jistgħu jiġu stabbiliti jew użati, jew le. Il-Pajjiżi l-Baxxi japprovaw b'riluttanza din il-proposta dwar l-inġinerija finanzjarja u ser jivvalutaw negattivament kwalunkwe attentat futur biex strumenti finanzjarji jiġu legalizzati b'mod retroattiv. | | | |
| Regolament (UE) Nru 1311/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 dwar ċerti dispożizzjonijiet marbuta mal-ġestjoni finanzjarja għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet serji fejn tidħol l-istabilità finanzjarja tagħhom | PE-CONS 66/1/11 REV 1 | maġġoranza kkwalifikata | l-Istati Membri kollha favur |
